REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/966

tal-1 ta' Ġunju 2017

li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Connemara Hill Lamb/Uain Sléibhe Chonamara (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Irlanda għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Connemara Hill Lamb"/"Uain Sléibhe Chonamara", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 148/2007 ([2]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni "Connemara Hill Lamb"/"Uain Sléibhe Chonamara" (IĠP) hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 148/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jirreġistra ċerti ismijiet fir-Reġistru ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti Geraardsbergse mattentaart (IĠP) — Pataca de Galicia ou Patata de Galicia (IĠP) — Poniente de Granada (DOP) — Gata-Hurdes (DOP) — Patatas de Prades ou Patates de Prades (IĠP) — Mantequilla de Soria (DOP) — Huile d'olive de Nîmes (DOP) — Huile d'olive de Corse ou huile d'olive de Corse-Oliu di Corsica (DOP) — Clémentine de Corse (IĠP) — Agneau de Sisteron (IĠP) — Connemara Hill Lamb ou Uain Sléibhe Chonamara (IĠP) — Sardegna (DOP) — Carota dell'Altopiano del Fucino (IĠP) — Stelvio ou Stilfser (DOP) — Limone Femminello del Gargano (IĠP) — Azeitonas de Conserva de Elvas e Campo Maior (DOP) — Chouriça de Carne de Barroso-Montalegre (IĠP) — Chouriço de Abóbora de Barroso-Montalegre (IĠP) — Sangueira de Barroso-Montalegre (IĠP) — Batata de Trás-os-Montes (IĠP) — Salpicão de Barroso-Montalegre (IĠP) — Alheira de Barroso-Montalegre (IĠP) — Cordeiro de Barroso, Anho de Barroso ou Borrego de leite de Barroso (IĠP) — Azeite do Alentejo Interior (DOP) — Paio de Beja (IĠP) — Linguíça do Baixo Alentejo ou Chouriço de carne do Baixo Alentejo (IĠP) — Ekstra deviško oljčno olje Slovenske Istre (DOP)) (ĠU L 46, 16.2.2007, p. 14).

([3]) ĠU C 35, 3.2.2017, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni